**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 93/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**-vs-**
**Daniele Landolfi**
**Francesco Tanzi**

**Illum, 18 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Daniele Landolfi, detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana bin-numru CA50291AE;

U

Francesco Tanzi detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana bin-numru AT9607230;

Akkuzat talli:

1. F'dawn l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar, u dan bi ksur tal-Artikolu 83A(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi waqt li kienu jafu jew kellhom kawza ragonevoli li jissuspettaw dwar l-ghan jew l-attivita' b'mod generali tal-ghaqda stabbilita ghall-finijiet imsemmija fl-akkuza ta' qabel din ipppartecipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda, u dan bi ksur tal-Artikolu 83A(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi appartjenew ghall-ghaqda msemmija fl-akkuzi ta' qabel din, u dan bi ksur tal-Artikolu 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Daniele Landolfi wahdu akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' Frar 2020, ghall-habta ta' bejn l-12:00hrs gewwa Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' arlogg tal-idejn, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz

u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu Malcolm (Malcolm Charles) Soler, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c), 263(b), 267, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'dawn l-ahhar granet gewwa dawn il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Aeon bin-numri tar-registrazzjoni RQZ 383 fit-triq kemm-il darba ghall-uzu ta' din il-vettura minnu, ma kinitx fis-sehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi, u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qroti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Lil Francesco Tanzi wahdu akkuzat talli:

4. Nhar it-22 u t-23 ta' Frar, 2020, irrenda ruhu komplici f'serqa li sehhet gewwa Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, ta' arlogg tal-idejn, liema serqa hija kkwalifikata bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li saret ghad-dannu ta' Malcolm (Malcolm Charles) Soler, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c), 263(b), 267, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli f'dawn l-ahhar granet gewwa dwan il-Gzejjer, saq mutur tal-ghamla Kymco bin-numri tar-registrazzjoni VQZ 167 fit-triq kemm-il darba ghall-uzu ta' din il-vettura minnu, ma kinitx fis-sehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi, u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qroti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi, l-Ispettur Fabian Fleri, l-Ispettur Lydon Zammit u l-Ispettur Jonathan Ransley**,** qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputati fis-seduta datata 25 ta' Frar 2020 quddiem din il-Qorti.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri rega' qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputati fis-seduta datata 20 ta' Awwissu 2020 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali ta' Landolfi mmarkat bhala Dok FF1, fedina penali ta' Tanzi mmarkata bhala Dok FF2, *envelope* kontenenti l-karta tal-identita' taz-zewg imputati mmarkat bhala Dok FF3, zewg CDs bl-istqarrija immarkati bhala Dok FF4, CD li fiha *timeline* mibni mill-Pulizija immarkata bhala Dok FF5, ircevuta mmarkata bhala Dok FF6, kirja ta' 'The 7 Apartments' immarkata bhala Dok FF7, kuntratt minghand Stivala Rentals immarkata bhala Dok FF8, kuntratt tal-kirja tal-mutur immarkata bhala Dok FF9, ircevuta tal-affarijiet ta' Daniele Landolfi mmarkata bhala Dok FF10, ircevuta tal-affarijiet ta' Francesco Tanzi mmarkata bhala Dok FF11, karta b'zewg ritratti mmarkata bhala Dok FF12, dettalji ta' mutur VQZ167 immarkata bhala Dok FF13, dettalji ta' mutur RQZ323 immarkata bhala Dok FF14, okkorrenza immarkata bhala Dok FF15, *crash helmets* tal-kulur iswed immarkati bhala Dok FF16 u FF17, *crash helmets* tal-kulur ahmar immarkati bhala Dok FF18 u 19, gakketa Urban immarkata bhala Dok FF20, *slippers* tal-Adidas immarkat bhala Dok FF21, Gakketta Urban mill-bagalja ta' Landolfi immarkata bhala Dok FF22, 2 *mobile phones* immarkati bhala Dok FF23, *hoodie* Urban immarkata bhala Dok FF24, gakketta bajda mmarkata bhala Dok FF25, *jeans* Dsqaured immarkat bhala

Dok FF26, *backpack* immarkat bhala Dok FF27, *baseball cap* New York Yankees immarkata bhala Dok FF28, dettalji tal-vettura mmarkata bhala TM1, kuntratt minghand Stivala Rentals immarkata bhala Dok PMD1, rapport ta' PC 1087 Roderick Degiorgio, kirja ta' 'The 7 Apartments' immarkata bhala Dok PG1, fedina penali mmarkata bhala Dok DL1, fedina penali mmarkata bhala Dok FT1, dokument immarkat bhala Dok EUJ1 u dokumenti immarkati bhala Dok DL.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Malcolm Soler, Lara Rossignaud, l-Ispettur Fabian Fleri, Stephen Cachia, WPS 215 Valerie Mifsud, Charlotte Marie Stivala, Pauline McDonald, Ivan Zammit, l-Ispettur Jonathan Ransley, PC 1087 Roderick Degiorgio, Peter Gatt, PS 1337 Kevin Curmi, Astrid Ann Grech u l-Ispettur Lydon Zammit.

**Malcolm Soler** jghid li waqt li kien tiela' Dingli Street, kien hemm mutur u qabzu u li meta huwa pparkja quddiem il-'Meats & Eats' dal-mutur waqaf ukoll. Huwa jghid li dahlu jixtru u wara xi hames (5) minuti hargu u sabu liz-zewg persuni tal-mutur hemmhekk, wiehed ihares lejh u l-iehor taparsi jcempel qanpiena. Is-Sur Soler kompla jghid li kif kien qed jaqsam it-triq gie xi hadd minn warajh u gibidlu l-arlogg u x'hin ra l-arlogg niezel qabzu fuqu tnejn izda l-persuna l-ohra rnexxiela tahrablu, filwaqt li t-tfajla tieghu, Lara, marret tigri wara tal-mutur, izda rnexxilhom jaharbu t-tnejn bil-mutur minn 'Dingli Street' lejn 'Tower Road'. Meta mistoqsi huwa jghid li l-arlogg kien 'Rolex Daytona' li kien xtrah ghaxart'elef Sterlina ($10,000) u li kien inxurjat mal-Atlas ghal sbatax-il elf ewro (€17,000). Is-Sur Soler kompla jghid li l-avukat u l-habib tieghu Gianluca Caruana Curran irnexxielu jgbilu l-arlogg lura. Huwa stqarr ukoll li hadu ghand tar-'Rolex' u kkonfermaw li huwa l-istess arlogg. Huwa jikkonferma n-nota li huwa m'ghandux interess fil-procedura la l-arlogg gie rritornat lura lilu.

**Lara Rossignaud** spjegat li nhar it-23 ta' Frar ghall-habta ta' 12pm, flimkien ma' Malcolm Soler, kienu marru jixtru minghand 'Meats & Eats' u huma u hergin raw 'motorino' b'persuna bil-maskra u li waqt li qed taqsam semghet 'hey' u x'hin daret rat lil Malcolm u persuna ohra jiggieldu ghall-arlogg. Hija qalet ukoll li rat persuna fuq il-mutur li beda niezel 'l isfel u telaqet tigri warajh. Is-Sinjura Rossignaud spjegat li tal-mutur beda jghajjat lill-iehor sabiex jghaggel bit-taljan u li umbaghad lahaq tela' fuq il-'motorino' u harbu. Hija ddeskriviet lill-persuna li attakka lil Malcolm bhala ta' statura zghira u li kienu lebsin maskra, nuccali tax-xemx u 'helmet'.

**L-Ispettur Fabian Fleri** ta deskrizzjoni tal-incident u spjega kif wara li s-Sinjura Rossignaud gharfet in-numri tal-mutur, dan wassal lill-Pulizija biex jaslu ghas-sid, Ivan Zammit li kellu kumpanija tal-kiri tal-muturi, fejn dan stqarr li kien krih ghal jumejn lil certu Giuseppe Viscardi, li rrizulta li kienet identita' falza u li l-isem propju kien ta Gennaro Todesco, u li z-zewg persuni li gew biex jikru l-mutur kien krew mutur iehor minghand 'Stivala Rentals'. L-Ispettur ikompli jghid li waqt li kienu ghand is-Sur Zammit ghaddew iz-zewg Taljani u l-Pulizija segwew il-mutur u sabuh ipparkjat f''The Strand', tas-Sliema. Huwa spjega li meta gew arresti, Daniele Landalfli u Francesco Tanzi kellhom biss hames mitt ewro (€500) kull wiehed u li Francesco kellu wkoll erba' (4) dokumenti tieghu, ta' Daniele Landalfi, ta' Gennaro Todesco u ta' Luwigi Capuano. L-Ispettur kompla jghid li minn investigazzjoni li saret dawn l-erbgha kienu waslu Malta fit-22 ta' Frar bl-istess titjira u li krew kamra flimkien gos-'Seven Apartments'. Huwa jispjega li kienu ngabru diversi recordings tas-CCTVs fejn hargu 'timeline' ta' x'kien gara. Filfatt kien jidher Luigi Capuano fil-'lift' bl-arlogg f'idejh u Luigi u Gennaro johorgu bil-bagalji wara li gew arrestati Daniele u Francesco. Meta mistoqsi, l-Ispettur spjega li s-serqa saret bil-mutur ta' Ivan u l-'helmets' ta' Stivala u li kienu inbidlu wara s-serqa ghaliex meta kienu arrestati dawn kienu bil-mutur ta' Stivala u l-'helmets' ta' Ivan. Hu kkonferma wkoll li filwaqt li t-tliet persuna l-ohra qatt ma kienu gew Malta, Francesco Tanzi kien gie malta xi sena u nofs qabel u li kienu jaghmel xi xoghlijiet tal-idejn. Huwa kkonferma li Tanzi kien qallu li ghamel il-kirja hu ghaliex kien jaf il-post u n-nies.

**Stephen Cachia** ipprezenta ricerka fuq zewg (2) vetturi. Huwa spjega li l-mutur Kimco Agility abjad VQZ 167 kien ilu registrat fuq Charlotte Marie Stivala ghan-nom ta' Harry Garage mill-4 ta' Frar 2020, filwaqt

li l-mutur Aeon Elite abjad RQZ 383 kien ilu registrat fuq Ivan Zammit ghan-nom ta' IG Enterprises Limited mis-27 ta' Lulju 2017.

**WPS 215 Valerie Mifsud** stqarret li hija kienet xoghol fl-Ghassa tas-Sliema nhar it-23 ta' Frar u kienet hadet ir-rapport u l-verzjoni ta' Malcolm Soler u Lara Rossignaud ghall-habta ta' 12.45, wara li dawn sfaw misruqa minn Rolex Daytona minn zewg irgiel. Hija kkonfermat ir-rapport a fol 217.

**Charlotte Marie Stivala**, sid ta' kumpanija tal-kiri tal-vetturi ST Rentals, qalet li l-mutur Kymko Scooter BQZ 167 kienet krietu Pauline McDonald, haddiema maghha.

**Pauline McDonald**, qalet li l-mutur Kymco Agility BQZ 167 kien inkera fit-22 ta' Frar fis-2pm ghal jumejn. Hija stqarret li dan kien inkera minn Giuseppe Viscali u li kienu zewg persuni, li l-persuna l-ohra m'ghandiex dettalji taghha. Hija kompliet tispjega li haditlu kopja tal-licenzja u kien iffirma wara li ddeposita mitejn ewro. Meta mistoqsija hija tghid li sa fejn taf hi l-mutur qieghed ghand il-Pulizija.

**Ivan Zammit**, sid ta' Tony's Rentals IG Enterprises Ltd, stqarr li kien mar is-Sur Landolfi ma' Viscardi u wara li rrangaw prezz, tah id-deposit u krielu 'scooter' Ayon Elite RQZ 383. Huwa spjega li l-mutur kien krieh is-Sibt u li l-Hadd kienu nfurmawh li kienet saret serqa bih. Huwa kompla jghid li waqt li kien hemm il-Pulizija sabiex itihom xi dokumenti u informazzjoni, kien ghadda s-Sur Landolfi bil-mutur u sellimlu. Is-Sur Zammit kkonferma li l-mutur kien krieh Viscaldi u li l-kuntratt kienu mlewh hu flimkien ma' Viscaldi.

**L-Ispettur Jonathan Ransley** iddeskriva l-incident li gie rrapurtat gewwa l-Ghassa ta' tas-Sliema, fejn wara li kkuntatjaw lill-Ispettur Fleri dan infurmahom li dwar dan kienu arrestaw lil Daniele Landolfi u Francesco Tanzi, li umbaghad huwa kien interrogahom. Huwa jghid li meta marru fil-kamra 27 gos-'Seven Apartments' fejn kienu krew biex joqghodu, kien irrizulta li z-zewg persuni l-ohra kienu diga telqu u li nnutaw li l-blokka kienet imdawwra kameras tas-sigurta' fejn filfatt minnhom setghu jidentifikaw lill-imputati dehlin wara s-serqa, b'Luigi Capone bl-arlogg f'idejh u li minhabba li Gennerro hareg mil-lukanda f'nofsinhar dan ma setax kien parti mis-serqa.

**PC 1087 Roderick Degiorgio** spjega li huwa kien iddownlowdja l-filmati mill-kameras li ngabru mill-akkwati li saret is-serqa u li fihom jidhru Daniele u Luigi u kif ukoll filmati ohrajn li fihom jidhru Francesco u Gennaro. Hu spjega li mill-filmati ha xi 'stills' u ffurahom f''timeline' li jibda mil-Airport sal-ahhar kamera. Huwa spjega wkoll li beda t-'timeline' permezz ta' 'stills' minn GoogleMaps biex jispjega l-postijiet ezatt. PC 1087 jghid li fl-airport huma dejjem zammew id-distanza minn xulxin izda umbaghad jitilghu fl-istess 'taxi'. Huwa jkompli jispjega li meta gew biex jikru l-muturi, Francesco dahal jiddilja umbaghad kien Gennaro li ffirma u kera l-muturi fuqu u ta d-dettalji tieghu, li izda kienu foloz. PC 1087 kompla jindika li mill-kameras ta' 'Seven Apartments' xi nofs siegha qabel is-serqa dehru hergin Daniele u Luigi, warajhom Francesco u wara Gennaro, u li mil-kamera tal-APS Bank ftit 'l isfel minn fejn sehhet is-serqa Daniele u Luigi jingharfu anke peress li kienu lebsin l-istess hwejjeg li hargu bihom mill-appartamenti. Huwa jispjega wkoll il-fatti tal-incident kif graw ezatt peress li nqabad bil-kamera. PC 1087 kompla jghid li wara saqu lejn il-bajja ta' San Gorg fejn bidlu l-hwejjeg, marru l-appartament fejn dahlu l-erbgha li huma wara xulxin u regghu hargu inqas minn nofs siegha wara, fejn Luigi rega' biddel il-hwejjeg kollha u jaghti parti mill-flus lil Daniele. Huwa jikkonkludi bl-ahhar stills fejn Luigi u Gennaro qed jaharbu mil-kamra bil-bagalja.

**Peter Gatt**, rapprezentat ta' 'Seven Apartments' li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville, spjega li l-booking kien sar ghal hamsa minn nies bejn it-22 u l-25 ta' Frar u kien thallas 'cash'. Huwa stqarr li kull ma kelmu kuntatt ma' persuna wahda, li gharfu bhala Francesco Tanzi, u li dan kien saqsih jekk ikunx hemm xi attivitajiet ghaddejjin habba li kien il-'weekend' tal-karnival, izda x-xhud kien wiegbu li hafna mil-Maltin ikunu Ghawdex. Is-Sur Gatt ikkonferma li kien ghadda xi 'recordings' tal-kameras tal-appartamenti lill-Pulizija.

**PS 1337 Kevin Curmi** qal li wara li kien infurmat bis-serqa, kien mar ikellem lil Ivan Zammit, il-kumpanija minn fejn kien inkera l-mutur uzat fis-serqa. Huwa jghid li kif kien hemm, ghadda mutur u sellem lil Ivan, u dan gharfu bhala l-persuna li kien akkumpanja lil Viscardi meta mar jikri l-mutur. Huwa kompla jghid li huma sabu l-mutur ipparkjat, u li zewg persuni marru javvicinawh. PS 1337 spjega li kellhom u talbuhom identifikazzjoni u ghamlulhom 'search'. Huwa stqarr li fuqhom kellhom hames mitt ewro (€500) kull wiehed u Francesco Tanzi kellu d-dokumenti ta' identifikazzjoni tieghu, ta' Daniele, ta' Gennaro u ta' Luigi. Huwa kompla jghid li dawn gew arresti u ttiehdu d-'depot' u li minnhemkk umbaghad akkumpanjaw lil Francesco Tanzi ghall-appartament fejn kien infurmahom li l-ohrajn kienu telqu. PS 1337 jghid ukoll li kien akkumpanji lil PC965 Maverick Camilleri sabiex jiddownlowdja 'footage' minn Stivala Rentals u kien hareg l-ircevuti f'isem Daniele Landolfi A4429 u Francesco Tanzi A4430.

**Astrid Ann Grech** tispjega li kienet mitluba sabiex iggib xi nformazzjoni izda kienet ghada ma rceviet l-ebda informazzjoni mill-carriers.

**L-Ispettur Lydon Zammit** ipprezenta l-fedini penali Taljani tal-imputati kif ukoll covering letter mill-ufficjali tal-Eurojust.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata tletin (30) ta' Novembru, elfejn u ghoxrin (2020) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-Artikolu 83A(1)(a)(b) u 2 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Daniele Landolfi wahdu taht dak li hemm mahsub:
- Fl-Artikoli 261(b)(c), 263(b), 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Francesco Tanzi wahdu taht dak li hemm mahsub:
- Fl-Artikoli 42, 43, 261(b)(c), 263(b), 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti tal-Kaz**
Illi dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta Michael Soler irraporta lill-Pulizija li waqt li kien gewwa tas-Sliema giet persuna fuqhu u gibdet l-arlogg minn idejh bil-konsegwenza li tqactet ic-cinga. Illi persuna ohra li kienet mal-istess Michael Soler, Lara Rossignaud rat il-mument li din il-persuna li kellha wiccha mghotti bil-maskla u liebsa crash helmet, tahtaf l-arlogg u tigri fid-direzzjoni ta' mutur li kien hemm persuna ohra jsuqu. Lara Rossignaud irnexxiela tiehu n-numru tar-registrazzjoni tal-mutur li kien RQZ 383. Il-Pulizija ntraccaw is-sid ta' dan il-mutur li kien jappartjeni lil Ivan Zammit fejn kien qallhom li kien inkera lil wiehed bl-isem ta' Giuseppe Viscardi. Waqt li kienu qieghdin jitkelmu ma' Ivan Zammit, infurmahom li fil-fatt il-persuna li kienet giet ghandu biex tikri dan il-mutur kienet ghada kemm ghaddiet minn quddiemha. Il-pulizija segwew dan il-mutur u rawh ipparkjat gewwa tas-Sliema fejn ftit wara gew zewg persuni ghal mutur u gew arrestati. Irrizulta li dawn iz-zewg persuni kienu l-imputati odjerni. Hareg li dawn l-imputati kienu qieghdin jirrisjedu gewwa San Giljan fiz-7 Apartments flimkien ma' zewg persuni ohra izda ma kienx

hemm tracci taghhom. Mill-investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija hadu diversi filmati mill-istess 7 Apartments u minn diversi lokalitajiet fejn raw il-mutur mikri minn dan Giuseppe Viscardi misjuq minn zewg persuni li fosthom kien hemm l-imputat Daniele Landolfi. Illi mill-filmati rrizulta wkoll li l-mutur li gie uzat fis-serqa kien l-istess wiehed li kien qieghed isuq Daniele Landolfi flimkien ma' persuna ohra li sa issa kienet ghada ma nstabitx. Illi matul il-kors tal-investigazzjoni l-arlogg tal-ghamla Rolex gie ritornat lura lil Michael Soler meta xi persuna ghadda dan l-arlogg lill-avukat Roberto Montalto. Illi mill-istess tfitxija li ghamlu l-Pulizija sabu l-hwejjeg li kien liebes Daniele Landolfi waqt li kienet qieghda ssir is-serqa u dan skont kif kien jidher mill-filmati. Illi fuq il-persuna ta' Francesco Tanzi instabu xi flus u dokumenti li jappartjenu lil persuni ohrajn. Illi wara l-arrest taghhom gew interrogati mill-Pulizija fejn Francesco Tanzi innega li huwa kien involut f'dan il-kaz u fl-istess hin Daniele Landolfi ghazel il-fakolta li ma jwegibx.

**Ikkunsidrat**

**Punti Legali**
**L-Artikolu 83A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Illi wkoll ghandu jinghad dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali sejra ssir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Jannar 2001:

> *Meta, …., ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involu f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*

Illi minn dan il-bran johrog li l-Qorti hija marbuta fuq dawk l-imputazzjonijiet li jirrizultaw minn-nota ta' rinviju ghal gudizju tal-Avukat Generali u ghandha tiskarta dawk l-imputazzjonijiet li ma jirrizultawx mill-imsemmija nota ta' rinviju ghal gudizju. Illi minn dan il-fatt johrog li l-Qorti trid timxi skont l-artikoli mahruga u tara mill-fatti tal-kaz dwar l-akkuzi li johorgu minn nota ta' rinviju ghal guddizzju.

Tibda l-Qorti biex tezamina r-reat addebitat, dak mahsub taht l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jghid hekk:

> **83A.** (1) Kull min –
> *(a) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu* ***reati*** *kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew*
> *(b) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew irreklutaġġ ta' membri ġodda,*
> *(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fis-subartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin.*

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jidher li l-imputati kienu gew Malta fl-istess titjira u kienu qieghdin jghixu fl-istess appartament. Illi b'dan kollu l-prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat taht l-artikolu 83A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz l-elementi ta' ir-reat huma s-segwenti:

1. jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-hsieb li jitwettqu **reati** kriminali;
2. l-organizzazjoni trid tkun maghmula minn zewg persuni jew aktar;
3. l-ghan ta' din l-organizzazjoni hija li taghmel **diversi** reati;
4. ir-reati li se jigu maghmulha jgorru piena ghal zmien ta' erba' snin jew aktar;

Illi dan l-artikolu tal-Ligi taghna huwa mibni fuq l-artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan. Illi ghalhekk jekk wiehed jaqra sewwa x'jghid Antolisei, isib li dan jiddistingwi dan ir-reat mill-ftehim jew il-komplicita`. Fil-fatt kif jghid l-awtur imsemmi hawn fuq u li qieghed jigi citat hawn taht:

*'Associarsi per commettere un solo delitto non integra la fattispecie in esame.'*

Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Zulian omissis et** deciza fit-12 ta' Mejju 2015, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Ma jistax ikun hemm assocjazzjoni wkoll jekk dawn ma jintrabtux li jikkommettu 'piu` reati', li tfisser diversi reati. Mhix semplicement il-konfoffa, jew il-conspiracy biex jitwettaq reat partikolari. Reati li jkunu mezz ghall-fini, jew konsegwenzjali ghal reat wiehed ma jinkwadrawx l-assocjazzjoni, anche jekk hemm diversi persuni involuti."*

L-istess awtur Antolisei jkompli jghid:

*'L'associazione per delinquere presenta qualche affinita` con la compartecipazione criminosa, ma ne differisce profondamente. Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra I compartecipi e` circoscritto alla realizzazione di uno o piu` delitti nettamente individuali, commessi i quali l'accordo medesimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita`. Nell'associazzione a delinquere, invece, dopo l'eventuale commissione di uno o piu` reati, il vincolo associativo permane per l'ulteriore attuazione del programma di delinquenza prestabilito e, quindi, persiste quel pericolo per l'ordine pubblico che e` caratteristica essenziale del reato"*

Kif jghid l-Antolisei irid ikun hemm l-organizazzjoni ta' reati li jiskossaw l-ordni pubbliku, u joholqu biza' fis-socjeta`. Antolisei ikompli jghid li:

*'Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra i compartecipi e` circoscritto alla realizzazione di uno o piu` delitti nettamente individuati, commessi i quali l'accordo medesimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita`.'*

Illi l-prosekuzzjoni trid tipprova l-elementi ta' dan ir-reat. Illi jekk wiehed ihares lejn l-ewwel element fejn jghid hekk li "*jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja ghaqda bil-hsieb li jitwettqu **reati** kriminali'.* Illi fil-kaz prezenti il-prosekuzzjoni ma resqitx prova li dawn l-imputati kienu kkomettew diversi reati flimkien izda qieghed jigi allegat lilhom biss serqa ta' arlogg. Illi mhux bizzejjed li juri li kien hemm diversi persuni li setghu kienu nvoluti f'dan il-kaz imma jrid jigi indikat li l-aspett li tippromwovi, tikkostiwixxi, torganizza jew tiffinanzja din l-ghaqda sabiex jigu kommessi *piu*' jew diversi reati. Illi ghandu jinghad li lanqas tressqet il-prova ta' xi rendikont finanzjarju li jindika li l-imputati kienu qieghdin jiffinanzjaw xi ghaqda kriminali fejn l-iskop ahhari taghha huwa li jaghmlu dawk ir-reati li jgorru maghhom piena ta' erba' snin jew aktar. Illi anki dan il-principju gie msahhah bl-argument imqajjem mill-Qorti tal-Magistrati fejn inghad fil-kaz **Il-Pulizija vs Darren Debono** (deciza fil-11 ta' Settembru 2013) fejn intqal hekk:

*"Illi huwa car minn qari ta' dawn id-dispozizzjonijiet li dak li qed jigi projbit permezz taghhom huwa l-formazzjoni ta', u l-appartenenza f' ghaqda, bejn zewg persuni jew*

*aktar, liema għaqdiet ikollhom l-skop li jwettqu* ***reati*** *(fil-plural) li għalihom jistgħu jeħlu aktar minn erba' snin priġunerija."*

Illi fil-proċeduri odjerni tressqu diversi fatti sabiex juru li l-imputati fosthom li ġew b'titjira flimkien għal Malta, rikbu l-istess taxi u anki urew li kienu jgħixu ġewwa l-istess appartament. Min-naħa l-oħra ma jirriżultax, f'dan il-process, flimkien ma' nies oħra li kollha flimkien, l-imputati inkluzi, jappertjenu għal xi għaqda, ma jirriżultax liema reati oħra twettqu mill-imputati jew minn xi persuni li jistgħu jappertjenu għal din l-għaqda; wisq anqas hemm xi prova kwalunkwe li kienu propju l-imputati li ppromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-allegata għaqda. Illi għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti mill-fatti li għandha quddiemha ma tistax ssib ħtija taħt dak li hemm fl-artikolu 83A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-Reat ta' Serq**

Illi għalhekk mill-fatti u x-xhieda li għandha quddiema din il-Qorti trid tasal għal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputati kienux il-persuni involuti f'din is-serqa. Illi tajjeb li ssir analiżi ta xi ġurisprudenza f'pajjizna li daħlu fl-analiżi tal-prova ċirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analiżi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiġġudika sabiex jiġi stabbilit jekk il-provi ċirkostanzjali humiex univoċi. Kif ġie deċiż fl-ismijiet **r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet issegwenti:

*'L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konkluzzjoni waħda...biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bazi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univoċita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju raġjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi.*

Fil-każ fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-każ **Pulizija vs James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistgħu ikunu biss soġġettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bzonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi, bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għal konkluzzjoni univoka u li biha il-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn*

*kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi dan il-kaz huwa mibni kollhu kemm hu fuq provi indizzjarji fejn fuq numru ta' registrazzjoni ta' mutur wassal biex jinqabdu zewg persuni li setghu kellhom involviment f'dan il-kaz. Illi sabiex jipprovaw il-kaz taghhom il-Pulizija bnew timeline li gie esebit f'dawn il-proceduri. Illi gie indikat fid-dokument RD1 a fol 308, fejn f'pagna tletin (30) tidher persuna li ghandha arlogg f'idejha. Illi dan l-arlogg kien is-suggett ta' din is-serqa maghmula fuq il-persuna ta' Michael Soler fejn qal li persuna hatfet l-arlogg minn idejh u li kien tal-ghamla Rolex ta' valur madwar sbattax-il elf Ewro. Illi kif inghad, fir-ritratt mehud minn CCTV tidher persuna thares lejn arlogg li kien f'idejha izda li mhux wahda mill-imputati imma li kienet fil-kumpanija tal-imputati.

Illi pero' ghandu jinghad li ghalkemm l-arlogg f'idejn il-persuna gie mkabbar pero il-Qorti mhux qieghda f'posizzjoni li tikkonferma minghajr ombra ta' dubju li dak kien l-arlogg in kwistjoni u cioe' l-oggett tas-serqa. Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tikkonferma mal-istess Michael Soler matul ix-xhieda tieghu waqt dawn il-proceduri jikkonfermax jekk fil-fatt kienx l-istess arlogg li kienu serqulu dakinnhar. Illi ghalkemm qieghed jigi indikat fl-istess ritratt li c-cinga tal-arlogg hija maqtugha, f'dan il-kaz u minhabba li ma giex konfermat minn hadd jekk kienx l-istess arlogg suggett ta' din is-serqa ma tistax tkun il-Qorti li tikkonfermah dan. Illi ghalkemm il-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom waslu min kien li kellu arlogg f'idejh dan ma jistax jinghad li din hija prova cara li huwa l-istess arlogg. Illi kif inghad hawn fuq il-Qorti trid tkun moralment konvinta b'dik il-prova.

Illi mill-provi mresqa l-prosekuzzjoni qieghda tistrieh fuq provi indizjarji sabiex torbot lill-imputati mas-serqa tal-arlogg. Illi l-unika prova li b'xi mod tpoggi prova diretta f'dan il-kaz kien il-mutur li gie mikri minn ghand Ivan Zammit liema mutur kellu n-numru ta' registrazzjoni RQZ 383 ta' kulur abjad. Illi dan il-mutur kien inkera minn persuna li uzat dokument bl-isem ta' Giuseppe Viscardi li ffirma il-kuntratt tal-kirja. Illi

mill-investigazzjoni tal-Pulizija hareg li fil-fatt dan kien dokument falz ghaliex il-persuna propja li kriet dan il-mutur kien certu Gennaro Todesco. Dan il-mutur allegatament intuza fis-serqa mertu ta' dan il-kaz.

Illi l-imputat Francesco Tanzi kien mar flimkien ma' dan Gennaro Todesco sabiex jikru mutur minn kumpanija ohra u cioe' minn ghand Stivala Rentals. Illi Francesco Tanzi ma kienx iffirma ebda dokument izda biss ghen sabiex jkunu jistghu jikru dan il-mutur. Illi fiz-zewg okkazzjonijiet id-dokumenti li rrizulta li kien falz, gew iffirmati minn Giuseppe Viscardi li wara gie indikat li kien Gennaro Todesco.

Illi fix-xhieda mghotija minn Ivan Zammit li huwa propjetarju tal-mutur bin-numru ta' registrazzjoni RQZ 383 fix-xhieda tieghu semma li kien Daniele Landolfi li kera l-mutur minn ghandu izda indika lil Francesco Tanzi bhala l-persuna li giet fil-hanut tieghu.

Illi sabiex il-Pulizija jaslu ghal kaz kontra l-imputati kienu bdew l-investigazzjoni taghhom ma' Ivan Zammit minhabba li n-numru tar-registrazzjoni tal-mutur li ntuza fis-serqa gharfitu Lara Rossignaud. Fil-fatt in-numru tal-mutur RQZ 383 kif inghad qabel gie mikri lil Giuseppe Viscardi. Illi minhabba li l-Pulizija kienu qieghdin ikellmu lill-Ivan Zammit fuq il-mutur, gie indikat lilhom li kien ghaddha mutur iehor li fuqhu kien hemm zewg persuni fuqhu u li wiehed minnhom kienet il-persuna li giet ghandu biex tikri l-mutur. Illi jirrizulta li wara li l-Pulizija kienu arrestaw is-sewwieq tal-mutur u l-passiggier, irrizulta li dan il-mutur kien mikri wkoll minn Giuseppe Viscardi izda minn ghand Stivala Rentals. Illi meta l-Pulizija arrestaw lil dawn iz-zewg persuni irrizulta li kienu l-imputati Francesco Tanzi u Daniele Landolfi.

Illi meta kompliet l-investigazjzoni tal-Pulizija hareg li erba' persuni li d-dokumenti taghhom instabu ghand Francesco Tanzi, kienu qieghdin jirrisjedu gewwa 7 Apartments gewwa San Giljan. Illi deher li zewg persuni ohra li kienu jghixu f'dan l-appartament kienu lahqu telqu. Illi sa dak il-hin il-mutur li ntuza fis-serqa kien ghadu ma nstabx mill-Pulizija. Illi meta saret tfittxija fil-bagalja li nstabet gewwa l-apartament li kienet tappartejni lil Daniele Landolfi li kien hemm hwejjeg li setghu gew mlibbsa dak il-hin tas-serqa.

Illi kif inghad hawn fuq il-prova mressqa li ghandha quddiema din il-Qorti huwa indizjarji. Illi mit-timeline li l-istess Pulizija ghamlu fejn elevaw diversi filmati juri mill-ispjegazzjoni li nghatat minn PS 1087 Roderick Degiorgio, li zewg persuni u dan fosthom kien hemm l-imputat Daniele Landolfi li saq mutur bin-numru ta' registrazzjoni RQZ 383. Illi skont it-timeline jidher li l-istess Daniele Landolfi hiereg mill-kamra flimkien ma' persuna ohra li mhux akkuzata f'dawn il-proceduri. Illi li kieku ma kienx ghal fatt li Lara Rossignaud hadet in-numru ta' registrazzjoni tal-istess mutur waqt is-serqa, din il-prova ma tantx kien ikollha sahha u li b'xi mod il-Qorti tista' tasal ghal xi konkluzzjoni.

Illi ghandu jinghad li ghalkemm fl-istills jidher mutur, il-Qorti ma tistax tkun certa li kien l-istess mutur mikri minn ghand Ivan Zammit. Illi pero mill-ezami akkurat tat-timelime johrog bic-car li kien l-istess mutur li tpogga fuq ix-xena tar-reat li qieghed jigi misjuq mill-imputat Daniele Landolfi. Illi allura bla dubju dak li gara wara l-kaz ghandu aktar sahha sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi dwar is-serqa li sehhet. Illi hekk kif jidher mit-timeline jidher bic-car li l-istess mutur gie misjuq lejn San Giljan fejn gie identifikat persuna ohra li kienet involuta direttament fis-serqa. Tant li jidher jinzel minn fuq il-mutur u persuna ohra li ssuq l-istess mutur (RQZ 383).

Illi mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti hemm ix-xhieda tal-parti civili Michael Soler fejn spjega b'mod dettaljat ta x'gara dakinnar. Illi pero' mix-xhieda tieghu ma setax jaghti indikazzjoni jekk fil-fatt l-imputati odjerni kienux il-persuni involuti f'dan il-kaz. Illi pero' ghandu jinghad li f'dak li qal quddiem din il-Qorti ma semma xejn dwar x'kienu lebsin il-persuni li kienu fuq il-mutur li eventwalment wiehed minnhom gie u seraqlu l-arlogg. Kull ma semma kienet gakketta sewda u l-persuna li ra hu kellu helmet abjad u li l-valur tal-arlogg kien tal-ghamla Rolex li kellu valur ta' madwar sbattax-il elf Euro (17,000). Illi dan kollu qieghed jinghad ghaliex f'dan il-kaz il-Qorti trid tara c-cirkostanzi kollha sabiex tara jekk hemmx sejbien ta' htija o

meno tal-imputati. Illi wkoll xehdet Lara Rossignaud fejn semmiet fix-xhieda taghha li griet wara l-persuna li seraq l-arlogg u gharfet taghti lil Pulizija n-numru tar-registrazzjoni tal-mutur li ntuza biex insteraq l-arlogg.

Illi madankollu matul il-kors ta' dawn il-proceduri gie dikjarat li l-arlogg mertu ta' din is-serqa kien instab u nghata lura lil Michael Soler. Illi hawn il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed l-istess Avukat Dr. Roberto Montalto li kienet il-persuna li gab l-arlogg lura izda dan l-arlogg ma nghatax f'idejn il-Pulizija izda ghadda f'idejn il-vittma. Illi lil hinn minn dan kollu, Michael Soler zied jghid li ma kienx interessat f'dawn il-proceduri u dan minhabba li l-uniku interess tieghu kien li jinstab dan l-arlogg. Illi meta xehdu d-diversi xhieda tal-prosekuzzjoni inkluzi l-ufficjali prosekuturi u Pulizija ohrajn hadd minnhom ma esebixxa l-arlogg li kien l-oggett tas-serqa. L-unika enfasi li saret kien fit-timeline tal-istess rikostruzzjoni li ghamlu l-Pulizija sabiex jinkollaw diversi filmati sabiex juru l-movimenti ta' dawn il-persuni li allegatament kienu nvoluti f'din is-serqa tal-arlogg. Illi a bazi ta' dan in-nuqqas il-Qorti ma tistax tassumi kif kien maghmul dan l-arlogg u tasal fic-certezza li huwa l-istess arlogg u dan ghaliex il-prova ghandha titressaq mill-Prosekuzzjoni u minn hadd aktar.

Illi maghdud ma' dan, jidher car li Daniele Landolfi kien is-sewwieq tal-mutur li ntuza sabiex issir is-serqa fuq il-persuna ta' Michael Soler. Illi fil-fatt mill-istill jidher li huwa kien qieghed isuq l-istess mutur meta giet registrata fuq filmat in-numru tal-pjanca tal-istess mutur li tpogga fuq ix-xena tad-delitt. Illi bla dubju jidher li hemm ness bejn is-sewwieq tal-mutur u s-serqa. Illi bla dubju ghalkemm hadd ma gharaf lill-imputat Daniele Landolfi minn dawn il-provi cirkostanzjali u fuq it-taghlim tal-Qrati taghna fuq dawn it-tip ta' provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci li f'dan il-kaz bla dubju ta' xejn hekk kienu. Illi dwar il-persuna l-ohra li kienet riekba fuq il-mutur, din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha stante ghal fatt li dan ma tressaqx quddiem din il-Qorti fuq dan il-kaz. Illi ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputat Daniele Landolfi hati tas-serq tal-arlogg ghad-detriment ta' Michael Soler. Illi wkoll minn dak li hareg mill-istess xhieda li l-valur tal-arlogg kien jammonta ghal madwar sbattax-il elf Euro (17,000) u gie notat li l-persuna li giet fuqhu kellha wiccha mghotti fil-mument tas-serqa. Illi jidher pero' li minn dak li rrizulta mill-prova l-imputat Daniele Landolfi kien qieghed isuq il-mutur u hadd mix-xhieda ma ndika jekk fil-fatt kienx liebes maskla fil-mument li sehh il-kaz. Illi ghalhekk din il-Qorti ssibu hati ta' serq aggravat bil-valur biss.

**Komplicita fis-Serq fil-konfront ta' Francesco Tanzi**
Ghalhekk jehtieg li jigi ezaminat jekk l-imputat Francesco Tanzi jistax jinstab hati ta' komplicita' u dan skont ma' hemm fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju fl-artikoli indikati. Il-Prof Mamo fin-noti tieghu (Notes on Criminal Law Vol I pagna 124) fejn jidhol il-komplicita' qal hekk:

> *"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence".*

Illi l-istess Qorti tal-Appell (**Ir-Republika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza fid-29 ta' Settembru 2004) qalet hekk li:

> *"Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel."*

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jghallem ukoll li:

> *"A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence."*

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta l-komplicita fir-reat adebitat lill-imputat irid jigi sodisfacentement ippruvat mill-prosekuzzjoni li l-imputat

*(i)* *kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u*
*(ii)* *li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali.*

Is-semplici fatt li l-imputat mar biex jinkrew zewg muturi u kien jghix maghhom fl-istess appartament ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohh il-persuni li kienu involuti f'din is-serqa. Lanqas f'dan il-kaz ma' gie stabbilit li huwa kien fuq il-post li sehhet is-serqa fuq xi mutur iehor dakinnhar tal-kaz.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmelo Agius** deciza fl-24 ta' Frar tas-sena 2002 iccarat li:

> *"Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt".*

Illi ghalhekk, applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputat Francesco Tanzi kien jaf x'kellu f'mohhu l-imputat Daniele Landolfi u li hu ghenu b'xi mod hekk kif indikat fl-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fl-istess nota tar-rinviju ghal gudizzju ma hemm xejn indikat mill-liema sub-artikoli tal-artikolu 42 tal-Kap 9 tista' tinstab htija.

L-imputat ma xehdx f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti trid tara x'qal fl-istqarrija li huwa rrilaxxa mal-Pulizija u tifli wkoll kwalunkwe prova ohra mressqa f'dawn il-proceduri ghal sejbien ta' htija o meno. Illi fl-istqarrija tieghu huwa ghazel li jispjega kull mistoqsija maghmula lilhu. Illi spjega li l-involviment tieghu maghhom kien li mar biex jinkrew il-muturi u hallset persuna ohra. Dwar l-involviment tieghu dwar il-kaz, innega kollox tant li kompla jghid li ma kien jaf xejn x'kienu se jghamlu jew inkella li xi hadd minnhom kienu kelmuh rigward is-serqa qabel ma sehhet. Kien fil-fatt certu Luigi li cempillu biex jigi lura lejn l-appartamenti fejn qalulu biex jixtri l-biljetti tal-ajru. Kien ftit wara li gie arrestat mill-Pulizija minn gewwa tas-Sliema meta kien flimkien mal-imputat l-iehor Daniele Landolfi.

Din il-Qorti wara li rat il-provi kollha mressqa tara li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li bejn l-imputat Francesco Tanzi u Daniele Landolfi kien hemm xi ftheim bejniethom biex issehh din is-serqa. Illi anki kieku sar jaf li ghamlu serqa fil-gurisprudenza taghna ma tezistix il-komplicita' wara li tkun sehhet is-serqa.
Illi ghalkemm ghen biex jinkrew il-muturi, ma giex stabbilit li huwa kien jaf li wiehed mill-muturi kien sejjer jintuza ghas-serqa. Illi fuq l-insenjamenti ta' Prof Mamo u s-sentenzi hawn fuq kwotati fejn gie stipulat '*A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability.'* Illi huwa minnhu li l-imputat Francesco Tanzi mar biex jinkrew il-mutur izda f'ebda

mill-provi mressqa ma kien hemm xi haga li turi li kien jaf minn qabel. Illi lanqas messaggi telefonici ma ngiebu jew xi informazzjoni ohra li tista twassal ghal komplicita tieghu fuq dan il-kaz. Illi wkoll kienet persuna ohra li mhux l-imputat f'dawn il-proceduri li prezenta ruhu bid-dokumenti u hallas ghal muturi. Illi wkoll anki mill-istess timeline l-imputat Tanzi tpogga fix-xena wara li kien sehh ir-reat meta mar lura gewwa l-appartament li minn hemm hareg u li xi haga ma gietx negata minnhu. Ma hemm ebda prova ohra li tpoggi l-mutur li kien qieghed isuq Tanzi fix-xena tad-delitt imwettaq.

Illi ghalhekk dak li huwa rikjest hu li l-'common design' bejn il-partijiet jigi pruvat xi haga li l-prosekuzzjoni ma resqitx. Illi l-fatt li kien hu li mar flimkien ma' terzi persuni biex jikri l-muturi, ma jfissirx li kien jaf x'kien sejjer isir bil-mutur. Illi ghalhekk din il-Qorti mhux konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Tanzi kien komplici f'dan il-kaz tas-serqa addebitata lilhu.

**L-imputazzjoni tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta**
Illi dan l-artikolu jghid hekk:

> ***3.*** *(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

Illi mill-provi mressqa, l-imputati saqu zewg muturi diversi kull wiehed. Illi Francesco Tanzi saq mutur bin-numru tar-registrazzjoni VQZ 167 waqt li Daniele Landolfi saq mutur iehor li kellu n-numru ta' registrazzjoni RQZ 383. Illi mill-istess dokumenti li gew esebiti mill-prosekuzzjoni jidher li z-zewg muturi kienu assigurati. Illi mid-dokument Dok FF13 a fol. 215 jidher li l-mutur bin-numru ta' registrazzjoni VQZ 167 kien assigurat mal-Middlesea Insurance PLC sal-31 t'Ottubru 2020. Filwaqt mid-Dok FF14 a fol. 216 il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni RQZ 383 jidher ukoll li ghandu assigurazzjoni mal-istess kumpanija assikuratrici sat-30 ta' Gunju 2020. Illi fiz-zewg kazi l-polza tal-assikurazzjoni fiz-zmien li kien sehh ir-reat, il-muturi kellhom assikurazzjoni valida.

Illi f'dan il-kaz l-imputati mhumiex il-propjetarji ta' dawn iz-zewg muturi izda persuni ohra li jikru lil terzi. Illi f'dak li hemm fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, huma s-sidien li jridu jassiguraw li dawn il-muturi huma assigurati u mhux minn qieghed jikri dawn il-muturi. Illi anki fl-istess dokument FF8 a fol. 206 jidher bic-car li hemm dikjarazzjoni li l-mutur VQZ 167 kien assigurat u l-istess ghandu jinghad ghal mutur l-iehor RQZ 383 li kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Illi a bazi ta' dawn id-dokumenti din il-Qorti ma tistax issib htija li l-imputati saqu vettura bil-mutur minghajr polza ta' assikurazzjoni.

**L-akkuza tar-Recidiva – l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
Illi l-imputati gew akkuzati wkoll li f'kaz ta' htija jitqiesu li huma recidivi taht l-artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad mill-ewwel li ma gew esebiti ebda sentenzi fil-konfront tal-imputati izda dokument mahrug mill-Eurojust. Illi sabiex tasal fuq l-akkuza tar-recidiva, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Abela**' deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2004 fejn il-Qorti fakkret illi:

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn*

*ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi bla dubju ta' xejn id-dokument mahrug mill-Eurojust ma jinkwadrax bhala sentenza mghotija fil-konfront tal-imputati u lanqas ma ngiebet il-persuna biex tikkonferma xi kundanni kellhom fil-konfront taghhom. Dan qieghed jinghad apparti f'dak li hemm fil-Fedina Penali taghhom mahruga mill-Pulizija ta' Malta li hija wahda netta.

F'dan ir-rigward ukoll ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Novembru 2001 fejn gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … "*

Illi ghalhekk din il-Qorti mill-provi mressqa quddiemha trid tara jekk tistax tinstab htija ta' recidiva taht l-artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputati. Illi jidher mid-dokument esebit a fol 9 u 10 (dok FF1 u dok FF2), l-imputati Daniele Landolfi u Francesco Tanzi ghandhom Fedina Penali netta. Illi wkoll fl-akkuzi fil-konfront tal-imputati meta tressqu quddiem il-Qorti ma kien hemm ebda akkuza li taghmel referenza dwar ksur ta' sentenza mghotija mill-Qrati taghna. Illi l-unika referenza ghal dan huwa li gew akkuzati bir-recidiva taht l-artikolu 49 u 289 b'sentenzi li saru definittivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta. Illi l-Avukat Generali hareg l-artikoli u ghamel referenza ghall-akkuzi tar-recediva taht l-artikolu 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-unika dokument li tressaq fil-konfront tal-imputati kien dokument DL 1 u FT 1. Illi hawnhekk il-Qorti tirrimarka li din hija fotokopja u mhux dokument originali u ma gie awtentikat minn hadd dwar il-provenjenza tieghu. Illi dan qieghed apparti dak li huwa mitlub dwar il-prova li ghandha tingieb meta jkun hemm akkuza ta' din ix-xorti u cioe' tar-recidiva. Illi dawn id-dokumenti la ma gewx maghmula skont il-Ligi dwar l-awtenticita' taghhom lanqas jistghu jitiqiesu li jservu ta' xi prova fil-konfront tal-imputati.

Illi skont il-ligi procedurali nostrana, kull Qorti, u partikolarment Qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ggib parti. Tali regola tohrog mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli ghall-proceduri kriminali bis-sahha tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi di *piu* jinghad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jghid bl-aktar mod skjett li "*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti*";

Illi tenut kont ta' dawn ir-**regoli tassattivi ta' procedura penali**, jinghad li fil-kaz biex jigi sodisfatt dan il-principju "*il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra*" [***Pulizija (Spettur Pierre Grech) v Antoine Agius***.

Illi fuq ir-regola tal-ahjar prova ssir referenza ghall- insenjament tal- Professur Mamo, fejn dan jghid hekk:

'*The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they **require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given** and in a manner which will best ensure the object in view....**The rule as to the production of the best evidence is rigid**, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged*

> *fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and **if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof**...In the **unavoidable** absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that **it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence**...*';

Illi fuq l-insejament tal-Qrati taghna u tal-Prof Mamo fuq l-ahjar prova li kellha tingieb f'dan il-kaz, japplikaw ghal dawn l-akkuzi wkoll. Illi f'dan il-kaz ma tresqitx l-aqwa prova u cioe' sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta fejn juru li l-imputati kienu kkomettew xi reati. Illi anki jekk se mai il-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni d-dokumenti esebiti Dok DL 1 u Dok FT 1, lanqas dawn ma jistghu jitqiesu li ghandhom prova probatorja stante li, la gew konfermati minn hadd bil-gurament u lanqas awtentikati minn hadd. Illi ghalhekk il-Qorti ma' ghandha ebda triq ohra li tillibera minn din l-akkuza lil Daniele Landolfi. Illi ghandu jinghad li anki fic-cirkostanzi ta' Francesco Tanzi din il-Qorti ma kenitx sabet ebda htija fl-akkuzi fil-konfront tieghu u ghalhekk ma tistax issib htija ta' din l-akkuza u anki hawn mhux qieghed jinstab hati.

**Decide:**
Ghal dawn il-motivi, wara li din il-Qorti rat l-artikoli 83A(1)(a)(b) u 2 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil **Francesco Tanzi u Daniele Landolfi** hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), u tat-tielet (3) imputazzjoni fil-konfront taghhom u kif moghtija lit-tnejn li huma u ghalhekk qieghda tilliberahom minnhom.

Filwaqt li, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 261(b)(c), 263(b), 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(2), 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' **Daniele Landolfi** wahdu ma ssibux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, kif indikati fic-citazzjoni bhala l-imputazzjonijiet li taghhom qed jigi akkuzat Daniele Landolfi wahdu u tilliberah minnhom izda ssibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni kif indikata fic-citazzjoni bhala l-imputazzjoni li taghha qed jigi akkuzat Daniele Landolfi wahdu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 42, 43, 49, 261(b)(c), 263(b), 267, 278(1)(2), 279(b) u 280(2), 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' **Francesco Tanzi** wahdu, ma ssibux hati ta' l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u ghaldaqstant qieghda tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**